Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

# Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2018
# 7-11 NOV – MCC

## Ċirkolari lill-Prinċipali tal-Kulleġġi, lill-Kapijiet tal-Iskejjel u l-Għalliema

Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
Librerija Pubblika Ċentrali
Triq Prof. Joseph J. Mangion
Floriana FRN 1800
Tel. +356 27131574
www.ktieb.org.mt

01/09/2018

Għażiż/a,

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jixtieq iħabbar lill-Iskejjel kollha ta' Malta u Għawdex li l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2018 ser isir f'Novembru li ġej mill-Erbgħa, 7 sal-Ħadd 11 fiċ-Ċentru tal-Mediterran għall-Konferenzi (Mediterranean Conference Centre), il-Belt Valletta.

Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb huwa l-aktar avveniment prestiġġjuż u importanti li għandu x'jaqsam mal-kotba fil-kalendarju edukattiv u kulturali Malti. Matul dan l-avveniment, il-pubblikaturi u l-ħwienet tal-kotba jiltaqgħu kollha taħt saqaf wieħed biex jesebixxu l-aktar pubblikazzjonijiet riċenti tagħhom.

L-Erbgħa, l-Ħamis u l-Ġimgħa filgħodu tal-Festival ikunu ddedikati għall-istudenti minn madwar Malta u Għawdex bi programm edukattiv maħsub għalihom u din id-darba l-KNK qed iħeġġeġ lill-għalliema jikkordinaw mal-istudenti tagħhom biex min jattendi l-Festival jiġi liebes **kostum**

**u/jew aċċessorji ispirati minn xi temi, stejjer jew karattri letterarji**. Dawn il-kostumi u/jew aċċessorji jistgħu jiġu kreati minn karti riċiklati f'attivitajiet kreattivi fil-klassi stess u/jew mal-għalliema tal-arti bit-tir li l-istudenti jidħlu aktar fl-atmosfera maġika tal-Festival. Dawn l-aċċessorji (ingravata, kappell, flokk, etc) jew kostum sħiħ jista' jsir ukoll id-dar jekk ma jkunx possibbli jsir l-iskola. L-istudenti jistgħu ukoll jilbsu kostum basta jkun ta' karattru li ħareġ minn xi ktieb.

Tajjeb li nfakkru li din is-sena ser jerġa' jitqassam ***voucher* li jiswa €3** lil kull student/a li j/tattendi l-Festival fil-ħinijiet ta' filgħodu mal-iskola rispettiva. Dawn il-*vouchers* jissarfu f'kotba waqt iż-żjara mal-iskola biss.

Il-*bookings* għandhom jintbagħtu lil Simona Cassano fuq simona.cassano@gov.mt mill-1 sal-20 t'Ottubru 2018. L-attendenza għall-attivita' fis-sala tiġi bbukkjata skont min japplika l-ewwel.

Importanti li kull *booking* jispeċifika dan li ġej:

*l-isem tal-Kulleġġ, l-isem tal-iskola

*il-ġurnata (L-Erbgħa, il-Ħamis jew il-Ġimgħa)

*il-Year Group (Yr 1 – Yr 11) jew ekwivalenti

*l-ammont ta' studenti li ser jattendu

*isem, *e-mail* u numru tal-*mobile* tal-għalliem/a inkarigat/a miż-żjara (din il-persuna ser tkun il-kuntatt ewlieni u miegħu/magħha ser nikkomunikaw il-programm għall-ġurnata – l-istess persuna ser tkun inkarigata li tinforma lit-tim tal-Festival/fotografi uffiċjali fuq id-*data protection status* tal-istudenti li hu/i responsabbli għalihom).

*Xi rimarki li tħossu li huma importanti

Importanti li t-transport għall-iskejjel jiġi organizzat bi tali mod li l-istudenti jaslu fuq il-post fid-9:00/9.15am u jitilqu mhux aktar kmieni min-12:30pm sakemm ma jiġix diskuss arranġament ieħor minn qabel.

Grazzi ħafna u nisperaw li narawkom hemm.

Mark Camilleri
Kap Eżekuttiv
Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb